MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2008

Numru 568/2005

IL-PULIZIJA
SPETTUR LOUISE CALLEJA
VS
GIUSEPPE ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Giuseppe Zammit, iben il-mejjet Espedito u l-mejta Gaetana imwielda Spiteri, imwieled l-Marsa fit-2 ta’ Jannar tas-sena 1940, residenti 16, Triq il-Farfett, Marsa, u detentur ta’ karta ta’ l-Idendtita’ bin-numru 51040(M).

Akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, f’San Gwann, fl-24 ta’ Gunju 2005;

1). B’eghmil zieni ikkorrompa lil Omissis A, minorenni ta’ omissis snin u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 203 (1) (a) u (c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2). Bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-seghta lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Omissis A kontra l-volonta' taghha u dan bhala mezz biex hi tigi mgieghla taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga li toffendi il-misthija tas-sess taghha u dan bi ksur ta' l-Artikolu 86 u 87 (g) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-pre-sentencing report tal-Probation Officer Trevor Calafato;

Rat ir-rapport ta' Dr. Joseph Cassar - Psikjatra u ta' Dr. Dorothy Scicluna - Clinical Psychologist;

Rat ir-rapport ta' Dr. Etienne Muscat;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-imputat, li jigi z-ziju ta' missier il-minuri Omissis A, gie mitlub jindokkra lill-istess minuri Omissis A u huha, t-tewmi taghha, waqt li l-genituri kellhom jattendu funzjoni fl-iskola tat-tifel il-kbir taghhom.

Illi waqt illi l-imputat kien hekk jindokkra t-tfal, fl-assenza tal-genituri taghhom, l-imputat kien nezza l-qalziet ta' taht tat-tifla Omissis A ta' omissis snin, hareg u espona il-parti genitali tieghu, qieghed id il-minuri fuq l-organu genitali tieghu, igakola, u mbaghad messhilha idejha, hadha fil-banju biex jahslilha idejha u hadha lura fis-sodda taghha.

Illi t-tqieghed ta' id il-minuri fuq il-parti genitali esposta tal-imputat giet ammessa mill-imputat fl-istqarrija tieghu -

apparti l-ammissjoni piena u bikrija tal-imputat fil-proceduri odjerni.

Issa l-Artikolu 203 (1) (a) u (c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi s-segwenti;

*"Whosever, by lewd acts, defiles a minor of either sex, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term not exceeding three years, with or without solitary confinement:*

***Provided that the offence shall be punishable with imprisonment for a term from three to six years, with or without solitary confinement, in each of the following cases:***

*(a) if the offence is committed on a person* ***who had not completed the age of twelve years****, or with violence;*
*(b) 'omissis'*
*(c) if the offence is committed by any ascendant by consanguinity or affinity, or by the adoptive father or mother, or by the tutor of the minor,* ***or by any other person charged, even though temporarily, with the care, education, instruction, control and custody of the minor."***

Illi l-att ta' tqeghid ta' id tat-tifla ta' omissis snin fuq il-parti genitali esposta ta' l-imputat u l-igakulazzjoni certament jinkwadraw ruhhom pjenament f'dak illi l-Ligi tikkontempla bhala **"lewd acts" jew atti libidini** u din il-Qorti hija ta' l-opinjoni illi dawn l-atti di libidini certament hallew effett korruttiv fuq din tifla ta' omissis snin (ara Il-Pulizija versus Carmelo Grech deciza Qorti ta' Appell Kriminali fl-18 ta' Gunju 1960, Pulizija versus Carmelo Spiteri deciza fl-20 ta' Marzu 1989 mill-Qorti tal-Appell Kriminali)

Il-Qorti waslet ghal konkluzjoni illi l-atti di libidini prattikati mill-imputat fuq din il-minuri ta’ omissis snin hallew effet korruttiv fuq il-minuri, fuq skorta tal-principji enuncjati fil-kawza Pulizija versus Thomas Wiffen deciza fl-8 ta’ Jannar 1996 mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fejn jinghad is-segwenti:

*‘For the completed offence and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act (atto di libidine) and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which, either by their very nature or of the circumstances in which they are performed, either are directed to the indulgence of the sexual appetite, either of the agent or of the victim, and are capable of arousing sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question.’*

Illi l-perijodu ta’ zmien illi fih isehh l-att materjali nociv huwa mmaterjali ghan-nozzjoni tal-kuncett ta’ atti di libidini (ibid at fol. 150 Vol. LXXX 1996 part 4):

*‘For the subsistence of the crime, it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime if the remembrance of such acts is calculated to cause a defilement**. Indeed, according to our Law, if the victim is under twelve years of age, that is, a reason for aggravating the crime.’*** *(ara notes on the Criminal Law per Sir Anthony Mamo a fol 226).*

Illi l-Probation Officer Calafato rrakkomanda sentenza ta’ prigunerija u sezzjoni terapewtika minn Clinical Psychologist waqt li Dr. Etienne Muscat kien tal-opinjoni illi l-inkarcerazzjoni mhux indikata ghall-imputat stante li kien ibati minn Clastophobia.

Illi fil-kas in ezami, l-Qorti ma gietx rinfaccata b’fatturi specjali u straordinarji li jippermettila illi tapplika l-Artikolu 21 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta biex ikun permessibli

ghaliha, fid-diskrezzjoni taghha, li takkorda piena anqas mill-minimu stabbilit mil-Ligi.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat ametta fi stadju bikri tal-kompilazzjoni, illi ghandu fedina penali netta, hadet in konsiderazzjoni l-eta' avanzata tieghu, u l-fatt illi fil-ambitu ta' agir sesswalment korruttiv, l-imgieba ta' l-imputat tinkwadra ruhha taht imgieba nociv minima, u l-fatt illi jirrizultaw zewg aggravi tar-reat ta' koruzzjoni ta' minorenni fil-konfront ta' l-imputat, u cioe dik ta' eta' tenera u dik ta' kura temporanja tal-minuri.

Illi minkejja l-imputat rregistra amissjoni piena, l-Qorti ma tistghax in koxjenza, tiskarta dak li gie retenut mill-Qorti Kriminali fil-kawza Il-Pulizija versus Denise Pandolfino u Anthony Pandolfino deciza fid-19 ta' Ottubru 2006 (per Judge J. Galea Debono) ghal dak li jirrigwarda t-tieni akkuza tas-sekwestru tal-persuna, fejn gie pronunzjat is-segwenti:

***"Illi mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta' sekwestru tal-persuna, l-Ispettur Louise Calleja kienet irrispondiet li din l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali fuq deskritti.***

***Pero fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolent dedotta fl-Ewwel u r-Raba' Kapi jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-zewg sessi kien ikun***

***jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f'hafna kazi l-att sesswali f'certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra.***

***Imbaghad il-fatt li waqt li jkun isir att sesswali, persuna taghlaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha u fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru. Inoltre dan is-sokrien ma jirrizultax li sar fil-kaz taz-zewg akkuzati."***

Illi l-fatti specie tal-kaz juru manifestament illi l-imputat "iddetena" lil minuri biss sabiex jkun jista jwettaq dak li ried jaghmel, u b'hekk "Id-detenzjoni" hija biss element essenzjali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u ghaldaqstant ma jistax jigi konsiderat bhala reat separat minnu.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti fuq l-istess ammissjoni tal-imputat, ssib lill-imputat, Giuseppe Zammit, hati ta' l-ewwel akkuza, mhux hati tat-tieni akkuza li minnha tilliberah u wara li rat Artikoli 203(1) (a) u (c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal tlett snin prigunerija, liema piena karcerarja hija l-minimu stabbilit mil-Ligi.

Il-Qorti tordna, in oltre, illi jigi mnaqqas mill-piena inflitta, z-zmien illi l-imputat ghamel f'arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------